

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2019 – Karlovarské minerální vody vs EUIPO — Aguas de San Martín de Veri (VERITEA)****(Kawża T-28/19)**

(2019/C 82/78)

*Lingwa tar-rikors: iċ-Ċek***Partijiet**

*Rikorrenti:* Karlovarské minerální vody a.s. (Karlovy Vary, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: J. Mrázek, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Aguas de San Martín de Veri, SA (Bisaurri, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti fil-proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* Applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea VERITEA – Applikazzjoni Nru 15 592 876

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Novembru 2018 fil-Każ R 499/2018-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad l-oppożizzjoni tal-oppożitur;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2019 – CRIA u CCCMC vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-30/19)**

(2019/C 82/79)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* China Rubber Industry Association (CRIA) (Beijing, iċ-Ċina) u China Chamber of Commerce of Metals, Minerals & Chemicals Importers & Exporters (CCCMC) (Beijing) (rappreżentanti: R. Antonini, E. Monard u B. Maniatis, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea